Numru 11,965 www.media.link.com.mt

# IN-NAZZJON

Il-Ġimgħa, 29 ta' Awwissu, 2008 €0.42 / 18ċ

# Iktar fondi Ewropej għal proġetti f'Għawdex

**Għawdex se jkompli jgawdi minn iktar fondi Ewropej permezz ta' numru ta' proġetti li l-finanzjament tagħhom se jkun mill-baġit tal-Unjoni Ewropea għall-2007-2013.**

Il-proġetti huma dawk marbuta mal-infrastruttura, il-qasam tas-saħħa, il-wirt storiku u żoni ta' rikreazzjoni, l-edukazzjoni, il-biedja u l-qasam tax-xogħol.

Il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono ħabbret id-dettalji tal-proġetti li mistennija jsiru f'Għawdex fis-snin li ġejjin, fil-preżenza tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni Chris Said, f'konferenza tal-aħbarijiet li saret ilbieraħ f'Wied il-Mielaħ, fl-Għarb.

Hi spjegat li l-proġetti approvati mill-*Project Selection Committee* huma dawk tal-bini mill-ġdid ta' Triq ix-Xlendi, il-bini mill-ġdid tat-triq li twassal għas-Santwarju Ta' Pinu u t-tkomplija tat-triq li tgħaqqad lill-Port tal-Imġarr mal-belt Victoria.

Fondi Ewropej se jiġu indirizzati wkoll għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn se tiġi mwaqqfa Taqsima tar-Radjoloġija u se tiġi ristrutturata t-tieni sala tal-operazzjonijiet.

Se ssir ukoll ir-riabilitazzjoni tal-ġnien Villa Rundle, filwaqt li se jingħataw numru ta' skemi marbuta mal-qasam tal-biedja u skemi u korsijiet oħra partikolari għal Għawdex.

Għawdex se jgawdi wkoll minn proġetti oħra li se jsiru b'fondi Ewropej fosthom ir-restawr tas-swar taċ-Ċittadella u l-proġett tat-Tempji tal-Ġgantija. Proġetti li jsiru fuq inizjattiva tal-Kunsilli Lokali Għawdxin ukoll iwasslu biex il-gżira tkompli tgawdi minn iktar fondi Ewropej. Proġett li ġie approvat dan l-aħħar hu dak tat-tieni fażi tar-riabilitazzjoni ta' Wied il-Mielaħ, fl-Għarb.

Giovanna Debono qalet li dawn il-proġetti għandhom ikomplu jtejbu l-kwalità tal-ħajja tal-Għawdxin filwaqt li jżidu l-attività ekonomika fil-gżira. Il-Gvern hu impenjat li Għawdex ikompli jimxi 'l quddiem u għalhekk qed jieħu inizjattivi soċjali, edukattivi, ekonomiċi u ambjentali permezz ta' proġetti li ġew imfassla fil-kuntest tal-viżjoni eko-Għawdex.

Is-Segretarju Parlamentari Chris Said ta rendikont tad-diversi proġetti li minnhom diġà gawda Għawdex permezz tal-ewwel perjodu finanzjarju tal-Unjoni Ewropea għas-snin 2004-2006.



Eżerċizzju biex tal-linja jkunu konformi mar-regoli dwar id-dħaħen kif miftiehem ukoll mal-Assoċjazzjoni tat-Trasport Pubbliku

# Infurzar tar-regoli dwar id-dħaħen

Karozzi tal-linja b'magna manifatturata wara l-1979 se jibdla jsirilhom test aktar strett f'dak li għandu x'jaqsam mal-emissjonijiet fl-arja.

Barra minn hekk se jibda jsir siġill biex ma jkunx hemm tbagħbis mal-magni tal-karozzi tal-linja qabel u wara ma jsiru t-testijiet fuqhom.

Dan jirriżulta minn rapport li għamlet l-Awtorità dwar l-i*Standards* (MSA) li sar bi qbil wara laqgħa li kienet saret fid-19 ta' Mejju li għadda bejn il-Ministru Austin Gatt u l-President tal-Assoċjazzjoni tat-Trasport Pubbliku (ATP) Victor Spiteri.

Il-Ministeru għall-Infrastruttura t-Trasport u l-Komunikazzjoni qal li min dak li ħareġ mir-rapport tal-MSA jirriżulta li hemm bżonn biss ta' bidliet żgħar biex it-testijiet li tagħmel l-Awtorità Dwar it-Trasport (ADT) dwar il-ħruġ tal-emissjonijiet mill-karozzi tal-linja jkunu korretti.

għal paġna 6

# Tibda l-konsultazzjoni dwar l-UE fil-MEUSAC

minn Nathaniel Attard

Il-Gvern illum se jlaqqa' għall-ewwel darba l-Kumitat ta' Azzjoni dwar Malta u l-Unjoni Ewropea (MEUSAC) biex jagħti bidu għall-konsultazzjoni dwar dibattitu effettiv fuq il-liġijiet tal-UE, permezz ta' struttura mġedda wara t-twaqqif tiegħu mill-ġdid f'Mejju li għadda.

L-iskop tal-MEUSAC hu l-konsultazzjoni, id-dibattitu effettiv fuq il-liġijiet tal-UE, l-għajnuna lill-NGO's biex jagħmlu l-aħjar użu possibbli minn programmi u fondi tal-Ewropa, u li jistimula diskussjoni vera dwar l-ideali, il-valuri u l-għanijiet Ewropej.

Wara li fiż-żmien ta' qabel is-sħubija ta' Malta fl-UE kien serva bħala strument ta' konsultazzjoni bejn il-Gvern, il-partiti politiċi, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili fil-proċess tan-negozjati għas-sħubija, issa l-MEUSAC il-ġdid se jkollu tliet kompetenzi.

għal paġna 4



## Appoġġ sħiħ minn Clinton għal Obama

Bill Clinton qed jappoġġja lil Barack Obama bħala l-kandidat li lest "imexxi lill-Istati Uniti."

Ara paġni 14-15

## Champions League

Jittellgħu l-poloz tal-fażi tal-gruppi



Ara paġna 25




Il-Bank of Valletta qed jisponsorja 'L-Għabex', kunċert innovattiv li se jlaqqa' l-arti kontemporanja mal-mużika. Il-kunċert, li jinkludi solisti u *ensembles*, se jsir illum il-Ġimgħa fiċ-Ċentru tal-Arti u l-Kultura fiċ-Ċittadella Għawdex. Il-flus li jinġabru minn din l-attività se jingħataw lid-Dar Ġużeppa Debono. Il-BOV qed jisponsorja dawn iż-żewġ artisti li ngħaqdu flimkien b'riżultat ta' kollaborazzjoni bejn Mariella Cassar u Albert Garzia, żewġ kompożituri żgħażagħ li qed jistudjaw fir-Renju Unit. F'dan il-kunċert se jieħdu sehem uħud mill-aqwa talent Malti fosthom Miriam Cauchi u l-vjolinċellist Simon Abdilla Joslin. Christopher Saliba, artist rinomat Għawdxi se jikkumplimenta din is-serata b'wirja tal-arti. Fir-ritratt jidher Karl Spiteri, *Manager Corporate Branding* u *Quality fil-Bank of Valletta*, flimkien ma' Mariella Cassar u Albert Garzia jaraw il-*poster* tal-attività.

# Firxa wiesgħa tas-soċjetà fil-MEUSAC

minn paġna 1

Kif spjega ma' *In-Nazzjon* il-Kap tal-MEUSAC Vanni Xuereb, dawn se jkunu l-konsultazzjoni, l-informazzjoni u r-riċerka, u s-sostenn għall-programmi u fondi tal-UE.

Vanni Xuereb inħatar Kap tal-MEUSAC f'Mejju. Hu Avukat speċjalizzat fost l-oħrajn fil-liġi tal-komunità Ewropea, u fil-passat kien involut f'diversi oqsma, dejjem fejn jidħlu l-affarijiet Ewropej.

Fost l-oħrajn ħadem fi Brussell u kien konsulent tal-Kurja Arċiveskovili dwar l-Affarijiet Ewropej, fejn mexxa wkoll il-Kummissjoni tal-Knisja f'Malta u fl-Ewropa. Minbarra li kien ukoll nominat bħala membru tal-Kummissjoni għall-Affarijiet Legali tal-Konferenza Episkopali Ewropea, il-COMECE, f'Malta ta wkoll *lectures* fl-Università ta' Malta dwar il-politika Ewropea.

L-ewwel laqgħa tal-*Core Group* tal-MEUSAC se ssir dalgħodu f'Dar il-Mediterran u se titmexxa mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u l-Informazzjoni Chris Said, li hu ċ-*Chairperson* tal-*Core Group*.

Fl-ewwel laqgħa ta' llum, hu mistenni li jinħatru disa' sotto-kumitati li se jkunu magħmula minn rappreżentanti ta' għaqdiet mhux governattivi u esperti oħra.

Dawn se jkunu jkopru oqsma differenti, li huma l-affarijiet ġenerali, l-affarijiet ekonomiċi u finanzjarji, il-ġustizzja u l-affarijiet interni, l-impjiegi, il-politika soċjali, is-saħħa u l-affarijiet tal-konsumatur, il-kompetittività, it-trasport, telekomunikazzjoni u enerġija, l-agrikoltura u s-sajd, l-ambjent, u l-edukazzjoni, żgħażagħ u kultura.

Se jkun diskuss ukoll pjan ta' ħidma għas-sentejn li ġejjin.

L-aġenda tal-ewwel laqgħa tinkludi wkoll deskrizzjoni tar-rwol tal-MEUSAC fit-tmexxija tal-konsultazzjoni, it-termini ta' riferenza tiegħu u l-mekkaniżmu propost għal dan il-proċess, kif ukoll dibattitu dwar ir-relazzjoni li dan il-kumitat għandu jkollu mal-Parlament Malti, mal-MEPs Maltin, u mar-rappreżentanti Maltin fil-kumitati u l-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE fosthom il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Il-*Core Group* tal-MEUSAC jiġbor fih firxa wiesgħa ta' nies minn kull kategorija. Dawn huma rappreżentanti tal-partiti politiċi, ir-rappreżentant permanenti Malti għall-UE Richard Cachia Caruana, il-korpi kostitwiti, it-trejdunions u l-imsieħba soċjali l-oħra, is-soċjeta' ċivili, u rappreżentanti tal-Gvern.

Flimkien mal-imsieħba soċjali li huma l-istess membri tal-MCESD, se jkollu siġġu wkoll fuq dan il-kumitat iċ-*Chairman* tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali Sonny Portelli.

Fuq il-*Core Group* tal-MEUSAC se jkun hemm ukoll tliet organizzazzjonijiet eletti minn fost l-NGOs rappreżentati fis-sotto-kumitati u żewġ esperti nominati mill-Gvern.

Il-MEUSAC, li jaqa' taħt il-kappa tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, integra fl-istruttura tiegħu dak li sa ftit ilu kien magħruf bħala l-*Forum Malta fl-Ewropa* — organizzazzjoni li kienet ħadet post iċ-*Ċentru Informazzjoni Malta-UE*, il-MIC.

## Sentenza sospiża

Tuneżin ta' 32 sena u li għandu passaport Libjan, kien ikkundannat ħames xhur ħabs sospiżi għal sentejn wara li ammetta li seraq *handbag*. Is-serqa seħħet f'Tas-Sliema meta kien fil-kumpanija ta' raġel ieħor.

Khames Elamarini ammetta li wettaq dan ir-reat fit-13 ta' Awwissu li għadda għall-ħabta tas-7.30 p.m.

Hu ammetta wkoll li laqa' għandu ħwejjeġ misruqa u dan għad-dannu ta' Sede Kankaya, li tagħha kien il-*handbag*.

It-Tuneżin ammetta li ta isem u kunjom falz lill-pulizija u li wettaq is-serqa biex ibigħ l-oġġetti li kien hemm fil-*handbag*.

Il-Prosekuzzjoni tmexxiet mill-Ispettur Carlo Ellul.

## Laqgħa għall-Prim Imħallfin

Il-Prim Imħallef Vincent De Gaetano se jattendi għall-ħames laqgħa tal-Konferenza tal-Prim Imħallfin tal-pajjiżi żgħar tal-*Commonwealth* li se ssir f'St. Peter Port, Guernsey .

Permezz ta' din il-Konferenza, darba fis-sena jiltaqgħu l-Prim Imħallfin ta' Jersey, Guernsey, il-gżira ta' Man, Ġibiltà, il-gżejjer Turks u Caicos, Barbados, Bermuda, il-gżejjer Cayman u Malta. Bejniethom jiddiskutu materji ta' interess komuni għall-ġurisdizzjonijiet żgħar fi ħdan il-*Commonwealth*.

Il-Konferenza se tkun indirizzata wkoll minn Philip Golding, il-Kap tal-*Judicial Communications Office* f'Londra. Fost suġġetti li se jkunu diskussi hemm ir-relazzjonijiet bejn il-ġudikatura u l-Ministeri tal-Ġustizzja.

Sakemm idum imsiefer il-Prim Imħallef, l-Imħallef Joseph Filletti se jkun Aġent Prim Imħallef.

Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-iskopijiet ta' notifika ai termini tal-ligi:

Harbour Management Limited (C 29326), ta' 15\17, Triq Enrico Mizzi, Ta' Xbiex, ippreżentat Talba fid-29 ta' Frar 2008 kontra Mark Randon (k.i. 232969M), ta' 15\17, Triq Enrico Mizzi, Ta' Xbiex, fejn talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi is-somma ta' €1243.00 għar-raġunijiet indikati fit-Talba. Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 220\2008RFA) tinsab differita għas-seduta tad-19 ta' Settembru 2008 fin-12.30 p.m.

